ĦAL QORMI
Citta' Pinto

**KUNSILL LOKALI TA' ĦAL QORMI (Città Pinto) IS-SITT KUNSILL**

**MINUTI SEDUTA NRU. 26 IL-ĠIMGĦA 31 TA' JANNAR 2014**

Il-Kunsill Lokali kellu jiltaqa' nhar il-Ġimgħa 31 ta' Jannar 2014 fil-5.00 ta' filgħaxija fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill. Il-laqgħa bdiet fis-4.00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI (Disa' Kunsilliera)**

Rosianne Cutajar, Bjorn Azzopardi, Charles Farrugia, Robert Reno Cremona, Ralph Puli, Margaret Mercieca, Antoine Saliba Haig, Jerome Caruana Cilia, Sean Meli.

Il-Viċi-Sindku Jesmond Aquilina u l-Kunsillier Jason Busuttil ġew skuzati minħabba impenji oħrajn.

**TALBA**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** qalet it-talba.

**26/01/01 MOZZJONI – SKEMA SKART RIĊIKLAT**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet din il-mozzjoni:

Peress li l-iskema ta' ġbir ta' skart riċiklat tagħlaq fil-31 ta' Jannar 2014;

Nipproponi biex il-Kunsill Lokali jaċċetta l-offerta tal-Green Pak (Dok A), filwaqt li jaċċetta l-offerta tal-kuntrattur ezistenti, R&A Waste Collection Ltd, b'dawn il-kundizzjonijiet :

1) Il-Kunsill jestendi l-kuntratt prezenti mal-kuntrattur *R&A Waste Collection Ltd,* sakemm jiskadi l-kuntratt mal-Green Pak, jiġifieri sal- 31 ta' Jannar 2017;

2) Il-Kunsill iħallas tad-differenza fir-rata tad-*diesel* tal-ġranet kollha li fihom isir il-ġbir ta' skart inklużi dawk li fihom issir il-ġabra tal-iskart riċiklat, skont il-kuntratt preżenti;

3) Il-Kunsill iħallas lill-kuntrattur skont ir-rati stipulati fil-ftehim mal-Green Pak, iżda mhux anqas minn Eur175 għal kull ġabra (Vat inkluza, 5% Management Fee mhux inkluza).

4) Il-Kunsill izied il-klawsola stipulata f'Memo 3/2014 mid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali abbażi tal-istrateġija tal-iskart li tiġi mnedija mill-Gvern;

5) Il-ftehim ma' R&A Waste Services Ltd jiġi tterminat f'każ li l-Gvern Centrali joffri finanzjament tad-differenza fil-prezz bejn l-ammont ikkwotat fit-tender u l-ammont imħallas skont ir-rati stipulati fil-ftehim mal-GreenPak.

Is-Sindku Rosianne Cutajar fid-diskussjoni semmiet li l-iskema Green MT ukoll kienet offriet proposta ftit tal-jiem ilu, wara li oriġinarjament ma kenitx interessata. Is-Sindku Rosianne Cutajar kompliet li ftit minuti qabel din is-seduta GreenMT offrew proposta aktar attraenti (DOK B) izda li tagħti x'tifhem li din il-proposta għandha terminu ta' ħdax-il xahar.

**Il-Kunsillier Charles Farrugia** issekonda l-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur Disa'** Kunsilliera (09) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill qabel unanimament li japprova il-mozzjoni 92-2014 (VI). Għaldaqstant il-Kunsill qabel li jagħzel il-proposta tal-Green Pak flimkien ma' dik ta' R&A Waste Services Ltd, għaliex għandha terminu itwal filwaqt li il-proposta ta' Green MT toffri biss soluzzjoni temporanja.**

**26/02 AĠĠORNAMENT**

Kien maqbul li l-laqgħa li jmiss tinżamm nhar it-Tlieta 18 ta' Frar 2014 fis-7.00 ta' filgħaxija.

Il-laqgħa ntemmet fi-05:55 ta' fil-għaxija.

Rosianne Cutajar
Sindku

Kenneth Brincat
Segretarju Eżekuttiv

Minuti approvati llum ........................ ......... ta' ....................... 2014.
(Jum) (Data) (Xahar)